MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 193/1996/1

Citazzjoni numru 193/1996

Cetta Mizzi, xebba, Angelo Mizzi, Carmelo Mizzi, Ursola Debono xebba, f'isimha u bhala mandatarja ta' huha msiefer Ferdinand Debono, Grazio Debono, Rita Debono, xebba, Lawrence Tabone, Rosina armla ta' Francesco Mizzi u b'digriet ta' l-4 ta' Mejju 1999, il-gudizzju gie trasfuz fl-ismijiet ta' Joseph Portelli u ohtu Angela Curmi minflok Rosa Mizzi

-vs-

Anthony Mifsud

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi huma proprjetarji ta' diversi bicciet ta' raba agrikolu formanti

parti mit-territorju imsejjah “Tat-Tawru” fil-limiti ta’ Qala, Ghawdex u liema raba l-atturi jidhlu ghalih minn passagg proprjeta’ tal-konvenut;

Illi kemm l-atturi kif ukoll il-predecessuri taghhom fit-titolu ilhom jghaddu ghar-raba taghhom mill-imsemmi passagg ghal hafna u hafna snin u mill-inqas ghal dawn l-ahhar tmenin sena tant illi mill-imsemmi passagg hemm ukoll diversi turgien li jikkonducu direttament ghar-raba ta’ l-atturi;

Illi ricentement u cioe’ l-Erbgha 14 ta’ Awissu 1996, meta l-atturi marru biex jghaddu minn dan il-pasasgg huma sabu li l-bieba li hemm fl-entratura tal-passagg li tizbokka fi Triq il-Mithna, kienet giet imsakkra mill-konvenut bis-serratura bil-konsegwenza li l-atturi ma setghux jghaddu biex jidhlu ghal gor-raba taghhom;

Illi l-bieba qatt ma kienet tissakkar anke wara li l-konvenut xi snin ilu kien wahhlilha serratura u l-atturi baqghu jghaddu minn hemm bla ebda xkiel ta’ xejn;

Illi l-bieba ghadha hekk msakkra sal-lum minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex jiftaha mill-gdid u ma jhallihiex msakkra, anzi l-konvenut qieghed jirrifjuta li jiftahha;

Illi l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolent u klandestin bi pregudizzju ghad-dritt gawdut mill-atturi;

Talbu li din l-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolent u klandestin bi pregudizzju ghall-atturi;

2. tikkundanna lill-konvenut jispurga l-ispoll minnu kommess u tordnalu jiftah mill-gdid il-bieb li huwa sakkar bis-serratura u jhalli l-passagg liberu ghall-access ta’ l-atturi biex jidhlu fir-raba’ taghhom.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu 1996 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. preliminarjament illi Ursola Debono ghandha tipproduci l-prokura li permezz taghha giet awtorizzata sabiex tidher ghall-imsiefer Fredinand Debono;

2. fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt minhabba l-karenza ta' l-element tal-pussess li huwa mehtieg sabiex tirnexxi kawza ta' spoll.

3. Illi fil-fatt mhux biss ma hux minnu li l-proprjeta' ta' l-atturi ma tgawdi ebda servitu minn fuq il-proprjeta' tal-konvenut talli l-inqas biss jezisti l-element tal-pussess. Kull meta l-atturi ghaddew minn fuq il-proprjeta' tal-konvenut dan sar b'mera tolleranza minghajr il-kunsens tal-konvenut jew il-predecessuri tieghu fit-titolu billi l-art tal-konvenuti gia ghandha access minn band'ohra.

4. Illi l-pussess pretiz mill-atturi jekk mhux inezistenti huwa wiehed ekwivoku u ghalhekk din il-kawza ma tistax tirnexxi minghajr ezami petitorju tal-jeddijiet ta' l-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. In-nullita' tac-citazzjoni minhabba kumulu fit-talbiet attrici billi kull wiehed mill-atturi jirrizulta li qieghed igib u jippromwovi citazzjoni dwar porzjon art separata u

distinta minn dik ta’ l-atturi l-ohra minghajr ma giet imharsa l-procedura specifika stabbilita bil-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni annessa debitament guramentata u r-referenza ghal-lista tax-xhieda.

Rat a folio 59 id-digriet taghha, differentement preseduta, fejn ordnat it-tarsfuzzjoni tal-gudizzju f;isem Joseph Portelli u ohtu Angela Curmi minflok Rosa Mizzi li miet fil-mori;

Rat folio 62 in nota tal-atturi Joseph Portelli u Angela Curmi li biha cedew il-kawza stante li fil-mori kienu bieghu u ttrasferew r-raba lill-konvenut izda zammew ferm ghall-kap tal-ispejjez.

Rat u ezaminat ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluza n-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi minn fost it-tliet elementi li huma mehtiega li l-atturi jippruvaw ai termini tal-Artikolu 535 tal-Kap 16 biex jirnexxu f’din il-kawza minnhom esperita, li titratta spoll privileggat, hu l-element tal-pussess u l-element tal-fatt ta’ l-ispoll li jirrikjedu li jigu sindakati u ppruvati u dana stante illi jirrizulta wisq car li l-azzjoni giet istitwita fit-terminu preskritt - fatt li lanqas il-konvenut m’hu qieghed jikkontesta.

Mill-atti jirrizulta li fost l-atturi originali l-atturi Joseph u Angela Curmi, ahwa Portelli, li ssubentraw fil-kawza minflok ommhom Rosina, li mietet fil-mori tal-kawza, kienu bieghu u ttrasferew l-art taghhom lill-konvenut tramite l-kuntratt esebit folio 56 atti Nutar Mariosa Grech datat 7 ta’ Lulju 1998. Jirrizulta wkoll li l-atturi Mizzi u Debono ghad ghandhom xi artijiet kif indikat minn notamenti maghmula

mill-istess konvenut fuq il-pjanta minnu esebita folio 82 markata dok.AM1. Oltre jirrizulta, mill-paragrafi (e) u (f) folio 117, iz-zewg porzjonijiet ta' l-art f' "Tat-Tawru" li l-attur Lawrence Tabone xtara bil-kuntratt tat-12 ta' Awissu 1991 atti Nutar Dottor George Pisani.

Il-provi jindikaw ukoll li l-proprjeta' tal-konvenut tidhol ghaliha minn Triq Biccieri bl-gheliqi tal-atturi retroposti ghaliha. Skond l-atturi din il-proprjeta' tal-konvenut gejja ghandu b'wirt u originarjament kient mixtrija minn nannu patern tieghu b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri tas-6 ta' Gunju 1896 kif "soggetta al passaggio verso beni alrui". Din is-servitu, pero', ma tfisser xejn fil-kuntest ta' din il-kawza possessorja stante li dak li l-atturi ghandhom jippruvaw hu pussess ta' liema xorta jkun li huma ghandhom fuq il-passagg li jghaddi mill-proprjeta' tal-konvenut u liema passagg intqal li jaghti ghal dahla fil-hajt tas-sejjieh u tarag li minnhom huma jaccedu ghall-ghelieqi taghom.

Mill-provi dan il-'possesso di fatto' jinsab sodisfacentement pruvat ghal ta' l-inqas f'xi whud mill-atturi. Hekk, l-pussess tal-attrici Cetta Mizzi hu manifest u anzi nkontestat tant li nghatat anki cavetta mill-konvenut. Hekk, ukoll, jidher li Lawrence Tabone jgawdi xi forma ta' pussess fuq il-passagg, li anke jekk talvolta mhux sorrett b'xi titolu u jinsab kkontestat, jidher li hu pussess 'ta' liema xorta jkun'. L-istess l-attrici Ursola Debono li kienet accediet l-ahhar darba minn dan il-passagg flimkien ma huha l-attur Ferdinand xi sena qabel gie attwat l-ispoll biex tidhol fl-ghelieqi taghhom. L-ezistenza ta' dan il-pussess minn naha tal-atturi huwa wkoll deducibbli minn dak li xehed il-konvenut meta qal li "kien jista' jaghti l-kaz illi bl-atturi kelli pjacir li jghaddu jew jaccedu ghall-passagg pero' ma kellix pjacir li terzi jghamlu l-istess" u sussegwentement meta jghid li "mhux qieghed nichad li f'parti minn dawn l-gheliqi kien hemm passagg". Hu evidenzjat ukoll mill-kuntratt tal-1896 li fil-kuntest tal-pussess ghandha rilevanza l-indikazzjoni li kien soggett ghad-dritt ta' passagg favur beni ta' terzi.

Illi l-konvenut jidher li oggezzjona u ghalaq il-passagg b'xatba li sakkarha billi jikkontendi li l-atturi ghandhom accessi alternattivi disponibbli ghalihom biex jaccedu ghall-ghelieqi taghhom.  Indagni ta' din it-tip pero' m'ghandhiex locus standi f'din il-kawza ghaliex tikkoncerna se mai l-petitorju li mhux permess li jigi akkumulat mal-possessorju.

Intant fil-kuntest ta' din il-kawza, dimostrat l-att spoljattiv, li mhux michud mill-konvenut, hu elementari li biex l-azzjoni jkollha success l-atturi kien jehtiegilhom jippruvaw li meta avvera ruhu l-att spoljativ huma kienu fil-pussess tal-haga li minnha gew spoljati.   Lanqas kien mehtieg li jippruvaw xi titolu tal-pussess taghhom purche' jippruvaw kwalunwe pussess anke wiehed purament materjali u di fatto ghalkemm hu dejjem mehtieg li jippruvaw 'un possesso di fatto' ergo pussess li ma jkunx ta' mera tolleranza. Hu, allura sottomess, li hu inutili li l-konvenut jipprova li dak li ghamel kien legittimu billi din hi kwistjoni riservata ghall-gudizzju petitorju.
Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni jirrizulta li l-prokura giet debitament esebita u fir-rigward l-eccezzjoni ulterjuri din il-Qorti mhux qeghdha tirrijavvisa ebda nullita' fuq l-iskorta tal-Artikolu 161(3) tal-Kap 12 stante li m'hemmx dubbju li l-interess tal-atturi hu komuni, kif inhu l-iskop tac-citazzjoni, il-meritu u wkoll l-provi.

Ghaldastant u fuq dak fuq espost qeghdha tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-atturi u fil-waqt li tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolent u klandestin bi pregudizzju tal-atturi, tikkundannah li zmien entro gimgha mil-lum jispurga l-ispoll billi jiftah mill-gdid il-bieb li huwa sakkar bis-serratura u jhalli l-passagg liberu ghall-access tal-atturi biex jidhlu fir-raba taghhom.

L-ispejjez tal-kawza huma  a karigu tal-konvenut.
(ft.)  A. Micallef Trigona
Magistat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------